# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 12 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors nru: 59/2007 MLF**

**Perit Carmel Mifsud Borg**

**Vs**

**Miriam Dalli u**
**Charlon Gouder**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attur fejn talab sabiex,

1) prevja dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li l-allegazzjonijiet li xxandru fuq Super One Television dwar l-attur waqt l-ahbarijiet ta' One News tas-7.30 p.m. tal-11 ta' Dicembru 2006, f'dik il-parti tal-ahbarijiet li kienet tibda bil-kliem "Anqas Minn Jumejn Ohra" – liema ahbarijiet kellhom lill-konvenuta Miriam Dalli bhala editur u l-konvenut l-iehor Charlon Gouder bhala l-gurnalist li kiteb l-istorja – huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu (Dok A. u Dok B.)

2) il-konvenuti jigu ikkundannati ihallsu lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi l-pubblikazzjoni msemmija mill-attur m'hijiex libelluza fil-konfront tieghu.
2. Illi inoltre l-fatti msemmija fix-xandira indikata mill-attur evidentement jikkonsistu f'rapurtagg gurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku accettabli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll taht il-ligijiet ta' l-istampa. Jekk l-attur dehrlu li gew pubblikati jew ixxandru inezattezzi, huwa kellu r-rimedju tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa.
3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fejn tikkontjeni kummenti jew opinjonijiet, il-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti wkoll f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament, jew value judgement, tal-gurnalist u hija fair comment maghmul in buona fede fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti pprezentati u l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-atti tal-process fl-ismijiet "Perit Carmel Mifsud Borg vs Kurt Farrugia" deciza fl-10 ta' Novembru 2011 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri), li b'digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Marzu 2012, gew annessi ma' dawn il-proceduri.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2013 sar is-segwenti verbal: *"L-avukati difensuri jaqblu li l-provi u s-sottomissjonijiet f'dawn il-proceduri kif ukoll dawk fil-Avviz Numru 62/2007 fl-istess ismijiet, ghandhom ikunu l-istess u z-zewg kawzi qieghdin jimxu flimkien."*[1]

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

[1] Ara fol. 97 tal-process.

**Il-Fatti**

Fil-verita, ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet fuq il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri ta' libell, li huma dawn:

1. Fiz-zmien meta sar ir-rappurtagg in kwistjoni, l-attur kien Direttur Generali tad-Divizjoni Servizzi fil-Ministeru tar-Rizorsi u Infrastruttura. Hu kien ilu jokkupa din il-kariga minn Dicembru 2005, pero kien ilu jahdem f'dan il-ministeru, anke fid-diversi ismijiet li kellu, ghal 33 sena.
2. Bi ftehim datat 28 ta' Novembru 2001, l-attur inghata l-kariga ta' *Director (Building Construction Industry)* fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Bhala parti mill-pakkett ta' reminunerazzjoni, hu kien intitolat ghal *"free telephone facilities"*[2] minghajr ebda kwalifiki.
3. Pero Klawsola 5 tal-ftehim kienet tistipula hekk *"Subject to the provisions of the Constitution, all rules and regulations relating to public officers in force during the duration of this assignment shall continue to apply save where other provisions are specifically provided for in this Agreement."*
4. Klawsola 2.5.1.1. tal-*Public Service Management Code*, kif kienet taqra fiz-zmien rilevanti kienet tghid hekk *"Free telephone facilities are granted to officers occupying Headship posts. These public officers can have their line completely unbarred to enable direct dialling for overseas and cellular calls. They are required to refund the overseas calls that are of a personal nature."*
5. Fil-31 ta' Dicembru 2002, l-attur uza t-telefon tad-dar tieghu biex jaghmel donazzjoni lil Partit Nazzjonalista ta' LM5.00, fil-maratona ta' gbir ta' fondi li kien qed jaghmel l-istess Partit. Din id-donazzjoni hija riflessa fil-kont mahrug lill-Gvern mis-socjeta Maltacom p.l.c. fis-7 ta' Marzu 2003 rigwardanti l-ammonti dovuti ghas-servizz tat-telefon tad-dar tal-attur.
6. Skond il-procedura addottata mid-dipartiment fejn kien jahdem l-attur, dan il-kont intbaghat ghand l-attur sabiex jikkonfermah, u l-attur hallas lid-dipartiment l-ammont ta' Lm5.00 rapprezentanti din id-donazzjoni, flimkien ma l-ammonti ta' donazzjoni ohra li kien ghamel u telefonati ta' natura personali li kien ghamel ghal barra minn Malta.

[2] Ara Appendix C anness mal-istess ftehim.

7. Wara li l-attur ghamel dan il-hlas fis-6 t'April 2003 lid-Dipartiment, id-Dipartiment ipproceda billi hallas lil Maltacom p.l.c. l-ammont intier tal-kont tat-telefon tal-attur fid-9 t'April 2003.
8. Fil-11 ta' Dicembru 2006, fix-xandira tal-ahbarijiet ta' One News tas-7.30pm intqal *inter alia* hekk: *"Fil-maratona gbir ta' fondi illi ghamel l-Partit Nazzjonalista f'Dicembru ta' erba' snin ilu, lejliet l-elezzjoni generali tal-2003, Carmel Mifsud Borg kien ta donazzjoni lid-Dar Centrali. Dak in-nhar, il-kont tat-telefon kien jithallas ukoll mill-Gvern; kont tat-telefon li ghandu f'idejh One News juri kif tal-inqas dak-in-nhar, id-donazzjoni li kien ta' dan l-ufficjal oghli kienet tammonta ghal hames liri (Lm5). Sorsi infurmati tajjeb zvelaw ma' One News kif Carmel Mifsud Borg, engineer, huwa persuna qrib hafna tal-Partit Nazzjonalista u fdat mill-Ministru Ninu Zammit."*
9. Dak in-nhar l-editur ta' One News kienet il-konvenuta Miriam Dalli u l-konvenut Charlon Gouder kien il-gurnalist li kiteb l-istorja.
10. Fid-19 ta' Gunju 2006, l-Ministru tar-Rizorsi u Infrastuttura, il-Perit Ninu Zammit hareg stqarrija fejn ikkjarifika li l-attur kien hallas lill-Gvern ghal dik id-donazzjoni u donazzjoni ohra, kif ukoll ghal xi telefonati li kien ghamel ghal barra minn Malta li ma kienux relatati max-xoghol. Din l-istqarrija giet imxandra minn One News.
11. L-attur hassu malfamat b'dak li intqal fix-xandira tal-ahbarijiet ta' One News, u ghalhekk istitwixxa dawn il-proceduri.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fix-xhieda tieghu, l-attur jammetti li kulhadd jaf li hu kien Nazzjonalist, pero jghid li hu jhossu malfamat b'din ix-xandira tal-ahbarijiet ghal zewg ragunijiet:

1. Illi skond hu, ir-rapportagg esponieh qisu membru attiv jew politikant tal-Partit Nazzjonalista, u
2. li kien gie allegat li d-donazzjoni li kien ghamel lill-Partit Nazzjonalista ta' Lm5.00 kienet thallset mill-Gvern.

Qabel din il-Qorti se tikkunsidra jekk il-partijiet succitati tax-xandira tal-ahbarijiet jikkostitwux malafama fil-konfront tal-attur, il-Qorti se tikkunsidra l-gurisprudenza in materja. Il-gurisprudenza fuq il-libelli giet imwessa sewwa bis-sentenza fl-ismijiet **Angelo Fenech pro et noe vs. Carmelo Callus**, deciza fl-4 ta' Frar 1994 mill-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"Il-posizzjoni tbiddlet fl-1987 ghaliex bl-Att XXIV ta' dik is-sena, illum Kap. 319, partijiet sostanzjali tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani saru parti mill-Ordinament Malti u allura llum dawn il-Qrati mhux biss iridu jiehdu in konsiderazzjoni dak li hemm f'dawn l-artikoli tal-Konvenzjoni li gew inkorporati izda wkoll il-**gurisprudenza** tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani ghaliex minn dik is-sena – 1987 – kull min ihossu aggravat mis-sentenzi ta' dawn il-Qrati ghar-rigward tad-Drittijiet Umani u libertajiet fundamentali recepiti f'dik il-ligi, ghandu access ghal dik il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani."*

F'dik is-sentenza il-Qorti tal-Appell ikkwotat mill-**Handyside Case** (deciz fid-29 ta' April 1976) sabiex tispjega x'tifhem il-Qorti Ewropea bil-kliem tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. F'dik is-sentenza, il-Qorti Ewropea qalet hekk:
*"The Court's supervisory functions oblige it to pay the utmost attention to the principles characterising a "democratic society". Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of such a society, one of the basic conditions of its progress and for the development of every man. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". This means, amongst other things, that every "formality", "condition", "restriction" or "penalty" imposed in this sphere must be proportionate to the legitimate aim pursued."*.

Din il-gurisprudenza wessghet sensibbilment l-area tal-legittimita tad-dritt tal-espressjoni kif dik kienet delimitata mil-ligijiet u l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, specjalment ghal dak li huwa d-drittijiet ta' espressjoni permezz tal-Istampa.

Pero tajjeb li jinghad li anke qabel inghatat din is-sentenza ta' **Anglu Fenech vs Carmelo Callus** fl-1994, il-Qrati taghna kienu diga mixjin f'din id-direzzjoni. Fis-sentenza **L-**

**Onorevoli Lorry Sant M.P. vs. Victor Camilleri et**, deciza in prim'istanza fid-29 ta' Novembru 1991, u konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili irriteniet hekk:

*"Dawn huma l-fatti centrali ta' "news value" li dwarhom giet mibnija l-istorja taz-zewg artikoli. Mhux kontestat mill-attur li dawn huma korretti. ... ... L-attur bazikament qed jilmenta li l-gurnal ta "slant" ingust lil dawn il-fatti fil-konfront tieghu, bil-hsieb li jaghmillu l-hsara. Dan jista' jkun veru u hu presumibbli li fil-politika, bhal f'partita boxing, id-daqqiet huma mahsuba generalment biex iwegghu, jew jaghtu vantagg politiku lill-avversarju, imma mhux b'daqshekk necessarjament ma jkunux "fair" jew legittimi. Dan ifisser li mhux kull meta artikolu jarreka dannu jew inkonvenjent lill-persuna li lejha jkun dirett, bil-fors dan ikun libelluz. Id-detto ingliz "facts are sacred but comment is free", ghalkemm kultant abbuzat u mhux dejjem facli biex tigi determinata l-linja ta' demarkazzjoni bejn il-fatt u l-kumment, ghandu hafna valur u fil-kaz in ezami jrid verament jigi applikat. ... ...*

*... ... Fl-assjem taghhom, il-Qorti tqis li l-artikoli ma kienux mahsuba biex inaqqsu l-gieh u l-istima tal-attur f'ghajnejn il-pubbliku. Huma intizi biex jaghtu interpretazzjoni – anki jekk ghal kollox pregudikata u partigjana - ta' fatti "politici", anki jekk bi hsieb li jaghmlu hsara politika lill-attur u jgibu disgwid fil-kamp politiku oppost. Dan fil-fehma tal-Qorti, fil-limiti li ser jinghad aktar 'l isfel, hu esercizzju legittimu, anki jekk jista' jkun kontroproduttiv, jekk ma jsirx b'mod ghaqli u bilancjat. ... ... F'dan l-apprezzament il-Qorti ttendi ghall-konvinciment illi ma jirriultax fl-artikoli l-animus injuriandi, il-"malicious intent", li trid il-ligi biex tigi eradikata b'success l-azzjoni ta' libell.*

*Il-Qorti hi tal-fehma illi l-principji fuq ennunzjati ghandhom jigu liberament applikati f'dawk il-kazijiet fejn:*

1. *Il-persuna li lejha tkun indirizzata l-kritika tkun ta' certa notorjeta pubblika;*
2. *Fejn il-kritika tkun ta' interess pubbliku, anke jekk tikkoncerna l-hajja privata tal-persuna pubblika;*
3. *Fejn il-kritika tkun bazata fuq u mibnija madwar <u>fatti</u> li jkunu <u>sostanzjalmen</u>t veri.*

*Il-Qorti, f'dawn il-kazijiet, ghandha tippermetti latitudni fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa, imma wkoll azzardata entro l-limiti acettati tad-decenza, permissibbli f'socjeta demokratika. Dan ghaliex temmen li s-sanzjoni vera ghall-kritika ingusta jew ezagerata li*

*tirrizulta bla bazi, hi finalment it-telf tal-kredibilita tal-persuna li tkun qed taghmel il-kritika. Il-qarrej ordinarju ghandu jigi kreditat b'sens komun bizzejjed li jaghraf il-kritika serja minn dik frivola jew azzardata, u minn dan li jingharaf il-gurnalizmu mill-iskart.*

*Mill-banda l-ohra hu ta' l-essenza tal-process demokratiku u tal-liberta tad-dritt fondamentali tal-liberta tal-espressjoni permezz tal-istampa, id-dritt tal-analizi tal-fatti li jirrizultaw sostanzjalment veri u l-interpretazzjoni taghhom. L-istess bhal kritika, din l-analizi u interpretazzjoni tal-fatti issib in-nawfragju taghha fir-rigett tal-opinjoni pubblika, jekk tkun manifestament ingusta jew azzardata, b'mod li fatti sussegwenti kif jizvolgu ruhhom jismentixxu l-konkluzjonijiet tal-artikolista. Huwa hawn li l-persuna involuta li lejha tkun giet diretta l-kritika, issib ir-rivendikazzjoni taghha u takkwista statura fil-konfront ta' min ikun silet konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet zbaljati mill-fatti li jkunu sostanzjalment pruvati bhala veritjeri."* (ara fl-istess sens is-sentenza **Mons. Anton Gauci vs. Michael Schiavone nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru 1995).

Fl-ewwel lok irid jinghad illi, l-attur mhux bniedem komuni, izda meta sar ir-rapportagg kien Direttur Generali ta' Dipartiment tal-Gvern, u ghalhekk kien persuna b'kariga pubblika u *"in the public eye".* Konsegwentement dak kollu li l-attur ghamel li b'xi mod jolqot dik il-kariga huwa ta' interess pubbliku. Il-pubbliku ghandu dritt li jkun jaf kif ufficjal gholi bhal-attur qieghed juza servizz provdut lilu mill-Gvern minhabba l-funzjoni pubblika tieghu. Ghalhekk, kif qalet il-Qorti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz fl-ismijiet **Da Haes v. Belgium** deciza fid-29 ta' Novembru 1995: *"... ... the general interest in a public debate which has a serious purpose, outweighs the legitimate aim of protecting the reputation of others, even if such debate involves the use of wounding or offensive language."*[3]

L-attur qabel ukoll fix-xhieda tieghu li fil-kariga tieghu huwa ghandu jkun apolitiku. Pero dan nonostante, b'servizz tat-telefon li kien imhallas u provdut minhabba l-kariga tieghu hu ghamel donazzjoni lil Partit Nazzjonalista u f'dawn il-proceduri ammetta li hu jhaddan it-twemmin ta' dan il-Partit. Mhux kontestat bejn il-partijiet li l-attur kellu kull dritt li jaghmel donazzjoni lill-partit li jemmen fih. Il-kwistjoni li fl-opinjoni ta' din il-Qorti qajjem ir-rapportagg tal-konvenuti hija jekk l-attur kienx etiku jew prudenti, meta waqt li kien ufficjal gholi tal-Gvern li *ex admissis* suppost li jkun apolitiku, b'servizz tat-telefon moghti lilu

[3] Ikkwotata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **L-Avukat Dottor Lawrence Pullicino LL.D. v. Victor Camilleri et** deciza fit-28 ta' Marzu 2014.

b'xejn mill-Gvern in konnessjoni mal-kariga tieghu, jaghmel donazzjoni lil partit politiku. Mhux kontestat li l-kontijiet tat-telefon tar-residenza tal-attur kienu johorgu lill-Gvern u jithallsu mill-Gvern.

Huwa vera li mill-provi f'dawn il-proceduri irrizulta li l-attur hallas lill-Gvern ghal din id-donazzjoni, qabel il-Gvern hallas il-kont tat-telefon tal-attur lil Maltacom p.l.c. Pero, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh il-fatti li kellu quddiemu l-gurnalist, meta ippubblika r-riportagg. Il-gurnalist kellu quddiemu l-kont tat-telefon tal-attur minn fejn jirrizulta li ghamel donazzjoni lil partit politiku, u il-*Public Management Service Code,* li ghar-rigward il-beneficcju tat-telefon b'xejn, jeskludi biss telefonati ghal barra minn Malta ta' natura personali. Dwar donazzjonijiet li jsiru bit-telefon, dan il-Kodici ma jghid xejn.

Mario Rodgers, inkarigat mill-*Financial Control Unit* tal-Ministeru fejn kien jahdem l-attur, jikkonferma *"illi apparti 'personal overseas calls' ma hemm l-ebda restrizzjoni ghall-uzu tal-landline fuq il-calls tal-landline. Ghalhekk teknikament minbarra din ir-restrizzjoni tal-'personal overseas calls' is-sejhiet jithallsu kollha."* Huwa jispjega li sabiex jissalvagwardaw l-interessi tal-Gvern, id-dipartiment tieghu kienu jinterpretaw il-*Public Management Service Code* fis-sens li *"meta ssir donazzjoni permezz tat-telephone ahna ma nqisuhiex bhala call. … … (U) allura f'dan il-kaz ahna nitolbu lil min ikun ghamel dik id-donazzjoni illi tithallas direttament minnu u ma tigix a karigu ta' l-Istat. Mistoqsi jekk din l-interpretazzjoni hijex limitata ghad-dipartiment taghna biss, nghid li ma nahsibx. Naf zgur illi hemm dipartiment iehor li jaghti l-istess interpretazzjoni, izda jekk hija imferrxa mas-servizz tac-civil kollu ma nafx. Ic-cittadin ordinarju naf li ghandu access ghall-Kodici tas-Servizz Civili, pero iktar minn hemm ma nistghax nghid sa fejn jasal l-access tieghu."* Minn din ix-xhieda, johrog car, li, ghall-inqas fiz-zmien rilevanti, ma hemmx posizzjoni ufficjali uniformi fis-servizz pubbliku dwar ir-rifuzjoni o meno ta' donazzjonijiet maghmula minn ufficjal pubbliku minn servizz tat-telefon imhallas mill-Gvern, u wisq inqas ma hija din il-posizzjoni regolata bil-miktub.

Ghalhekk, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-fatti kif rapportati fl-ahbarijiet tal-One TV huma sostanzjalment veri.

Dak li dejjaq lill-attur hu li skond hu r-rapportagg esponieh qisu kien xi membru attiv jew politikant tal-Partit Nazzjonalista, pero dan imkien ma intqal fir-rapportagg. L-attur stess ammetta fix-xhieda tieghu li hu maghruf ma kulhadd bhala Nazzjonalist.

It-tieni haga, li dejjqet lill-attur hi li skond hu gie allegat, li l-hames Liri (Lm5.00) donazzjoni li ghamel lil partit politiku, harighom il-Gvern, li jfisser skond hu li inhargu minn fondi pubblici. Fl-ewwel lok, ir-rapportagg imkien ma jghid li dawn il-flus inhargu minn fondi pubblici – kif kien il-kaz fis-sentenza **Perit Carmel Borg Mifsud vs. Kurt Farrugia**, li process taghha huwa anness ma dawn il-proceduri. Ir-rapportagg jghid biss li meta saret id-donazzjoni mill-attur, *"il-kont tat-telefon kien jithallas ukoll mill-Gvern",* u dan hu stat ta' fatt – il-kont tat-telefon tal-attur kien jinhareg u jithallas mill-Gvern. Il-fatt li l-attur kien irrifonda *inter alia* il-flus ta' din id-donazzjoni lill-Gvern, qabel il-Gvern hallas il-kont lil Maltacom p.l.c. ma jbiddilx il-fatt li l-Gvern hallas il-kont tat-telefon fl-intier tieghu lil Maltacom p.l.c. Dan iktar u iktar, meta skond il-Public Service Management Code, u skond il-ftehim li kellu l-attur mal-Gvern, esebit f'dawn l-atti, ma kien hemm xejn li jobbligah jirrifondi lil Gvern donazzjonijiet li jkun ghamel permezz tat-telefon. Huwa ghalhekk li din il-Qorti, bir-rispett kollu dovut ma tistax taqbel mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Perit Carmel Mifsud Bonnici vs Kurt Farrugia**, li process taghha jinsab anness ma' dawn il-proceduri.

Dak li naqsu li jghidu l-konvenuti fir-rapportagg taghhom hu li l-attur kien hallas il-flus ta' din id-donazzjoni lill-Gvern, qabel il-Gvern hallas il-kont tat-telefon tal-attur. Mill-provi akkwiziti ma giex pruvat li l-konvenuti kellhom din l-informazzjoni, u deliberatament ma ippubblikawiex. Pero dan ma jfissirx li l-fatti li qalu l-konvenuti fir-rapportagg taghhom ma kienux sostanzjalment veritieri – imma f'dawn il-proceduri irrizulta li ma kinietx il-verita shiha. L-attur jissottometti li l-konvenuti kellhom jaghmlu indagni iktar profonda, qabel jippubblikaw.

Fil-ktieb tieghu **Freedom of Expression and Defamation**,[4] **Tarlach McGongle** jghid hekk: *"Accuracy as to the facts and reporting the facts is therefore key. However, for journalists in particular, it is not always possible while a story is breaking to be wholly accurate, and therefore some leeway is required. The Court recognises that "news is a perishable*

[4] Ippubblikat mill-Kunsill tal-Ewropea f'Settembru 2016.

*commodity and to delay its publication, even for a short period, may well deprive it of all its value and interest."*[5]

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment id-dicitura tal-Public Service Management Code u l-fatt li kif irrizulta f'dawn il-proceduri, ma jezisti l-ebda forma ta' policy ufficjali, wisq inqas wahda miktuba, dwar donazzjonijiet maghmula minn servizz tat-telefon imhallas mill-Gvern, din il-Qorti ma tarax li l-konvenuti ragonevolment kellhom ghalfejn jinvestigaw ulterjorment qabel ma ippubblikaw ir-rapportagg in kwistjoni.

Fis-sentenza **L-Avukat Dr. Louis Galea v. Joe Mifsud** deciza fit-3 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk *"Gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta demokratika. Anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist, xorta jibghalu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq l-allegazzjoni – anke jekk tibqa allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-ligi. Dak li jsir f'kaz ta' gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista wkoll ikun tollerat. Fil-fatt fil-kawza* ***Aquilina noe v. L-Avukat Generali et****, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2008, u b'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri, kienet saret din l-osservazzjoni dwar il-materja in kwistjoni: "Fil-kawza* ***Galea vs. Mifsud****, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007, intqal li gurnalizmu investigattiv ghandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in generali li jkun infurmat. Intqal a propozitu li: "meta Qorti tkun rinfaccjata b'gurnaizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija ghandha taghti margini u latitudni mill-aktar wiesgha lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta' jekk kumment ikunx wiehed fair o meno (ara ez.* ***Victor Pace v. Joe Azzopardi et****, Qorti tal-Appell 8/6/2004); u wiehed jista' jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta' gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista' jaghti l-kaz li jekk jikkonkorru ceri cirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilita ghal malfama anke jekk sussegwentement jirrizulta li xi fatt wiehed jew aktar li jkun gie ppubblikat kien inveritier (ara sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet* ***Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL*** *[2006] UKHL 44; [2006] All ER(D) 132 (Oct)). Dan kollu pero, ghar-raguni appena spjegata, ma japplikax ghall-ktieb meritu ta' din il-kawza ghax jonqos palezament l-element investigattiv fih. ... ...*

---

[5] **Observer and Guardian v. The United Kingdom** para 40.

*Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza recensuri tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem moghtija fid-19 ta' Jannar 2010, fil-kaz fl-ismijiet* ***Laranjiera Marques da Silva v. Portugal****. Dak il-kaz kien jittratta artikolu ppubblikat mill-applikant bhala gurnalist wara akkuza li politiku u tabib kien abbuza sesswalment minn pazjent. Il-Qorti Ewropea qalet li meta gurnalist instab hati ta' malafama kien inkisirlu d-dritt tieghu ghal-liberta ta' espressjoni, ghax hu fl-interess pubbliku li l-media taghti informazzjoni dwar dak li fihom nies pubblici jkunu involuti."*

Fir-rapportagg taghhom, il-konvenuti kienu qed jaqdu il-funzjoni taghhom ta' gurnalisti, u cioe li jgibu a konjizzjoni tal-pubbliku fatti li jinvolvu persuna pubblika, cioe l-attur, u dawk il-fatti kienu sostanzjalment korretti.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-attur kien diga wassal il-kjarifika u l-posizzjoni tieghu fuq dan ir-rappurtagg, tramite l-istqarrija li hareg il-Ministru ftit granet wara, fejn spjega preciz kif l-attur kien irrifonda l-flus tad-donazzjoni, qabel il-Gvern hallas il-kont tat-telefon lil Maltacom p.l.c., u l-attur stess jammetti li din l-istqarrija giet pubblikata mill-konvenuti. *Ex abbundantia*, l-attur seta' uzufruwixxa ruhu mir-rimedju ta' risposta jew kjarifika taht l-Artikolu 21 tal-Att dwar l-Istampa.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qieghda tichad it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**